**QORTI TAL-MAĠISTRATI MALTA**

**Bħala Qorti ta`Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK

**Seduta tat- Traffiku**
**Referenza tal-Każ: TRF-00066-2019-7**
**Il-Pulizija(Spettur SARAH MAGRI)**

**Vs**

**Conrad Meilaq (K.I. 376179m)**

Illum, 5 ta' Novembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi hawn taħt indikati.

Talli fl-10/2/2019 ghal habta ta`15:00hrs bil-vettura RENAULT (numru ta' registrazzjoni EAV335) ġewwa TRIQ IL- QALIET, MARSASKALA

*[1] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))*

*[2] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))*

*[3] Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))*

*[4] Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1))*

*[5] Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mil-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15B (1))*

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Semgħet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti kif indikat fil-verbal tas-seduta/i u fliet id-dokumenti kollha esebiti.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-abbli difensur tal-imputat u tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat illi mill-affidavit ta' **PS 0031 Mario Farrugia**, jirrizulta illi fid-data u hin indikat il-Pulizija ta' l-Ghassa ta Marsaskala ircivet rapport illi gewwa l-lok indikat kienet sehhet kollizjoni bejn zewg vetturi fejn xufier ta vettura minnhom kien qieghed fi stat ta sakra. Skond ix-xhud, il-Pulizija rrikorriet fuq il-post fejn irrizulta illi kienet tabilhaqq sehhet kollizjoni bejn vettura tas-servizz "unmarked" bin-numru ta registrazzjoni EBB723 ta l-ghamla Ford Focus ta' kulur abjad u vettura ta1-ghamla Renault Clio ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni EAV335. L-ewwel vettura kienet qed tigi misjuqa minn PCl89 fejn dan qal illi huwa kien seijer ghal fuq skorta u kien ghadda ghal kollega tieghu, u hekk kif dan kien rikkeb lil kollega tieghu u kif kien ser jerga isuq kienet habtet fuq in-naha ta wara taghhom il-vettura misjuqa mill-imputat. Skond ix-xhud, PC189 qal illi dak il-hin huma kellhom ukoll il-beacons ta quddiem u wara mixghulin u hekk kif nizlu biex jaraw ezatt x'kien gara, l-imputat, li kien qed isuq, nizel minn gol-vettura tieghu fejn huma mall-ewwel issupettaw illi kien qieghed fis-sakra minhabba l-mod illi kien qed jimxi kif ukoll ir riha ta xorb illi kellu go halqu. L-imputat gie nfurmat illi kien hemm suspett illi ken qieghed isuq taht 1-influenza tal-alcohol, u ghalhekk kien ser jittehidlu test tan nifs. Ingieb l-apparat tal-breathalyser fuq il-post u l-imputat *"inghata s-soltu twissija"*. L-imputat ghazel li jaghmel it-test tan-nifs u dan irrizulta 66.4ug/l00ml.

Ikkunsidrat illi mill-affidavit ta' **PC 0189 Mariano Ancilleri**, xhud okulari tal-incident, jirrizulta illi fid-data, hin u post indikat fic-citazzjoni, dan kien qed isuq fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, bil-karozza tas-servizz EBB 723 bil-beacon lights blue mixghulin waqt il-qadi ta' dmirijietu. Dan xehed illi kif kien kwazi wasal quddiem iz-zebra crossing ra lill-kollega tieghu Jesmond Sghendo (K.I. Nru. 445267M) li kien qed jaqsam fuq iz-zebra crossing u ghalhekk tefa' fil-genb tat-triq biex itih cans jirkeb fil-vettura. F'daqqa wahda skond ix-xhud sema' brejk qawwi u l-vettura misjuqa mill-imputat baqghet diehla gol-vettura tas-servizz b'impatt qawwi. Skond ix-xhud l-imputat kien qieghed isuq bi speed eccessiv.

Ikkunsidrat illi xi ftit jew wisq din il-verzjoni giet korroborata ukoll mix-xhud Jesmond Sghendo li xehed fis-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat illi skond l-Artikolu 15I(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-limitu preskritt mill-ligi fir-rigward tat-test tal-alkohol tan-nifs – fil-kaz ta' sewqan ta' vetturi li ma' jkunux kummercjali, li ma' jkunux karozzi tal-linja, coaches u vetturi oħra li jġorru passiġġieri bi ħlas u li ma' jkunux qed jinstaqu minn sewwieq li jkollu licenzja tas-sewqan bi prova – huwa ta' 22 mikrogramma ta' alkoħol f'100 millilitru ta' nifs.

Ikkunsidrat illi ghalhekk galadarba gie ppruvat illi l-imputat mhux biss kien qieghed isuq il-vettura in kwistjoni izda kien ukoll kkonsma tant alkohol li l-proporzjon fin-nifs kien izjed mil-limitu preskritt, il-hames akkuza giet sodisfacentement pruvata.

Ikkunsidrat illi l-htija fuq il-hames akkuza **necessarjament** iggib maghha ukoll il-htija fuq ir-raba' akkuza u dan ghaliex nonostante dak argumentat mill-abbli avukat tad-difiza fit-trattazzjoni, il-fatt li persuna tinqabad issuq b'livell ta' alcohol fin-nifs izjed mill-limitu preskritt ikun ifisser illi dik il-persuna ma' kienetx f'kundizzjoni li ssuq minhabba x-xorb. Il-limiti preskritti mill-ligi ma' waqghux mis-sema u gew imdahhla mill-legislatur proprju ghaliex kienet l-intenzjoni tieghu illi jgib dawn il-limiti izjed in konformita' ma' dawk ta' diversi Stati Membri ohra tal-UE. Kif intqal matul id-dibattiti parlamentari fid-diskussjoni dwar l-implimentazzjoni taghhom, dawn il-limiti gew stabbiliti abbazi ta' studji xjentifici li wrew li l-indeboliment (*"impairment"*) fis-sewqan jaqbez il-limitu accettabbli fir-rigward tas-sahha u sigurta malli l-livell tal-alkohol jeccedi tali limiti. Dawn il-limiti preskritti mill-ligi ma' jaghmlux distinzjoni bejn is-sewwieqa fuq il-bazi tas-sess, bijologija u fizjologija taghhom u filfatt studji xjentifici kbar (fosthom Moskowitz u Robinson li fl-1988 hargu studju li gabar fih sommarju ta' mija seba' u sebghin studji ohra fuq din il-materja li saru madwar id-dinja) wrew illi rrispettivament mill-fizjologija u sess tal-bniedem, f'diversi kazijiet l-indeboliment jista' jibda sahansitra **f'livelli ferm inqas** mill-limiti preskritti. Dan ifisser illi sewwieq jista' ma' jkunx f'kundizzjoni tajba li jsuq minhabba xorb anke jekk l-livell ta' alkohol fil-gisem tieghu ma' jaqbizx il-limiti preskritti. Li huwa zgur pero hu illi malli jinqabez tali limitu m'ghandux ikun hemm argumenti dwar il-fatt illi x-xufier **ma' jkunx f'kundizzjoni tajba biex isuq**.

Ikkunsidrat illi s-sewqan ta' vettura ghandu jitqies bhala privilegg u mhux dritt. Meta cittadin jircievi l-licenzja tas-sewqan tieghu huwa jaghmel hekk bi ftehim tacitu illi sejjer isuq bil-galbu b'mod illi ma' jipperikolax il-hajja tieghu jew ta' haddiehor u in konformita' mal-ligi.

Ikkunsidrat illi dwar il-prova fuq l-ewwel tlett akkuzi, cioe' il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, perikoluz u bla kont, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza moghtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**" illi:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan*

*traskurat…**sewqan bla kont** hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … **sewqan perikoluz** jirrekjedi li fil kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

Ikkunsidrat illi s-sewqan traskurat gie ppruvat billi ngiebet prova tal-htija fuq ir-raba' u l-hames akkuzi.

Ikkunsidrat illi s-sewqan bla kont u sewqan perikoluz gie ukoll ppruvat billi mhux biss l-imputat ghazel li nonostante s-stat ta' sokor tieghu deliberament jiehu riskju fis-sewqan li ma' kellux jiehu minhabba l-probabilita' illi seta' jikkawza hsara lit-terzi (kif filfatt gara) izda inoltre s-sewqan tal-imputat kien ta' periklu ghal terzi, ossia' ghall-okkupanti tal-vettura tas-servizz misjuqa minn PC 0189 Mariano Ancilleri.

Ikkunsidrat illi dwar l-argument imqajjem mill-abbli avukat tad-difiza matul it-trattazjoni, u cioe' dwar l-allegat nuqqas tal-Pulizija illi qabel ma' amministra l-*breathalyser test* iwissi lill-imputat bid-drittijiet tieghu skond il-ligi, din il-Qorti ma' taqbel assolutament xejn. Jirrizulta filfatt mill-affidavit ta' **PS 0031 Mario Farrugia** illi qabel ma' gie mistieden jaghti kampjun tan-nifs tieghu, l-imputat *"inghata s-soltu twissija"*. Il-Qorti zzid illi filfatt l-ebda twissija ma' kienet necessarja skond il-ligi u dan ghaliex twissija formali ghandha tinghata biss meta l-persuna tkun taht arrest u ghal dak li jirrigwarda tehid ta' breathalyser tests fit-triq jew "roadside interviews", il-persuna ma tkunx taht arrest. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Mark Scicluna**" (250:2013:MM deciza 23 ta' Jannar 2014) *"ikun assurd li kull darba li l-Pulizija tikkonduci "road side interview" toqghod tesigi lil dak li jkun icempel lil avukat sabiex jigi fuq il-post sakemm isir dan l-interview. Kif ga inghad, la l-persuna ma tkunx taht arrest, quindi ma ghandux id-dritt li jkollu mieghu avukat dak il-hin, pero d-dikjarazzjonijiet moghtija minn dik il-persuna, ghandhom jittiehdu b'certa kawtela … ghal dak li jirrigwarda "roadside interviews", il-persuna ma tkunx taht arrest u l-Pulizija tkun qeghdha prezenti biss biex tistabbilixxi l-fatti u tiehu l-verzjoni tal-partijiet involuti fl-incident."*. Fil-kawza deciza ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Karmenu Debono**" (266:2014:AM deciza 26 ta' Marzu 2015) inghad illi: *"L-obbligu tal-pulizija illi jaghtu twissija lill-persuna li jkunu qeghdin jinvestigaw jirrezali meta jkun hemm arrest u cioé "a deprivation of liberty". Hawnhekk ghandna kaz ta' "roadside interview" fejn ma hemmx arrest u l-pulizija qeghdin jaghmlu l-ewwel indagni fejn deherilhom illi sar ksur ta' xi regolamenti tat-traffiku. F'dan il-kaz ma hemmx ghalfejn illi jkun hemm twissijiet u l-pulizija jistghu jinvestigaw kif normalment isir u wkoll jirregistraw dak illi jkun intqal lilhom mill-persuna li allegatament tkun qed twettaq il-ksur. Ghalhekk f'dan il-kaz il-pulizija ma kellhom l-ebda obbigu sabiex jaghtu xi twissija lill-appellant li min-naha tieghu kien obbligat iwiegeb ghad-domandi li kienu qeghdin jaghmlulu l-pulizija."*

Ikkunsidrat illi fir-rigward tal-piena, kif gie deciz mill-Qrati taghna:

*"Hu ormai principju stabilit li fejn l-istess fatt , rizultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jaghti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi, ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wiehed , bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali : "Camilleri vs. Cilia et." [2.12.1839]; "Il-Pulizija vs. Cachia" [10.12.1939]; "Il-Pulizija vs. Pace" [28.1.1939] u ohrajn.)"*

Ghalhekk il-pieni ghall-ewwel erba' reati ghandhom jigu assorbiti fil-piena ghar-reat li johrog mill-hames akkuza.

<u>**Decide**</u>

**Wara li rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2), Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3), Kap 65 Artiklu 15A(1), Kap 65 Artiklu 15B(1) il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih:**

- **tikkundannah ihallas multa ta' elfejn euro (€2,000)**
- **tiskwalifikah milli jzomm il- liċenzja tas-sewqan għal żmien sena u ai termini tal-Art. 78 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tordnalu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.**
- **ai termini tal- Art. 36B u s-Sitt Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi penali ta' sitt (6) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-imputat liema punti għandhom jiġu mniżżla fid-database komputerizzata mizmuma ghal dan il-ghan mill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta.**

Dr. VICTOR GEORGE AXIAK
Maġistrat

Yesenia Maria Pace
Deputat Reġistratur